**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 14 ta' Jannar, 2019

**Il- Pulizija**
**(Supt. Carmelo Bartolo)**
**-vs-**
**Joseph Mifsud, detentur tal-Karta tal-Identita' numru 428642M; u**

**Omissis; u**

**Omissis**

*Kumpilazzjoni Nru. 491/2006*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Joseph Mifsud, Omissis u Omissis 1, u ċioè talli:

Nhar it-28 ta' Mejju, 2001, u matul is-snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiskru l-istess dispożizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

a) Bħala uffiċjali jew uffiċjali pubbliċi, ħadu interess privat f'affari li dwarha kienu inkarigati jagħtu ordnijiet, jagħmlu likwidazzjonijiet, arranġamenti jew ħlasijiet ta' kull xorta li jkunu w ikkaġunaw ħsara b'qerq lill-amministrazzjoni illi magħha l-affari jkollha x'taqsam u ċioe' il-Gvern ta' Malta;

b) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, dolozament bi ksur tad-dmirijiet tagħhom, għamlu jew naqsu li jagħmlu xi att, b'tagħkis jew bi ħsara ta' ħaddieħor u ċioe' il-Gvern ta' Malta u/jew persuni oħra;

c) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bħala uffiċjali jew impjegati pubbliċi, meta kitbu atti, li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tagħhom, biddlu bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżlu pattijiet diversi minn dawk li jkunu ġew iddettati jew magħmula mill-pattijiet, kemm billi iddikjaraw bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma kienux;

d) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, sabiex jiksbu xi vantaġġ jew benefiċċji għalihom innifushom jew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorita' pubblika, xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew taw tagħrif falz.

**Kif ukoll Joseph Mifsud waħdu qed jiġi akkużat talli:**

e) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, għal xi vantaġġ privat tiegħu, għamel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi kienu ġew fdati lilu minħabba il-kariga jew impjieg tiegħu jew seraqhom;

f) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, appropja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor u ċioe' is-somma ta' aktar minn elf lira Maltija (Lm 1,000) għad-detriment tal-Gvern ta' Malta liema somma ta' flus kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u liema ħaġa kienet fdata jew ikkunsinnata lilu minħabba il-professjoni, industrijal, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu jew minħabba depożitu neċessarju;

g) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, għamel qliegħ ta' aktar minn elf lira b'qerq għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

h) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bħala uffiċjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, jew bħala impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jedd li tesiġi flus jew ħwejjeġ oħra bħala salarju tad-dmirijiet tiegħu, jew akkont tal-Gvern jew ta' stabbiliment pubbliku, taħt il-libsa tal-kariga tiegħu esiġa dak li il-Liġi ma tippermettix, jew iżjed minn dak li tippermetti il-Liġi, jew qabel iż-żmien li jmiss skont il-Liġi, liema reat sar b'abbuż ta' awtorita';

i) Fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, irċieva, jew aċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta xi rigal fi flus, jew f'utli ieħor, jew ta xi vantaġġ ieħor li għalih hu ma kellux jedd, u barra milli aċċetta il-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, filfatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[1]

Rat li l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Ikkunsidrat-
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew fl-2001 u fis-snin ta' qabel, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fit-3 ta' Novembru, 2016.

Illi nhar il-5 ta' Dicembru, 2012, din il-Qorti kif preseduta dak iz-zmien, waqt illi ddikjarat procediment ezawrit fil-konfront tal-imputati Omissis u Omissis 1, iddikjarat procediment ezawrit fil-konfront ta' Joseph Mifsud rigward l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu *"hlief fil-konfront ta' dawk li jikkoncernaw is-sejba ta' deheb fid-dar ta' residenza tieghu."*[2]

Illi ghalhekk din il-Qorti, wara li kien hemm gja` pronunzjament dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa mill-abbli difiza – u ghalhekk kontra ta' dak li sahhqet l-abbli difiza fit-trattazzjoni minn taghha, hi prekluza milli terga' tippronunzja ruhha fuq l-istess eccezzjoni - ser tghaddi biex tikkunsidra l-provi mressqa mill-prosekuzzjoni in sostenn tal-akkuzi

[1] Fol.784
[2] Fol. 1055 et seq.

migjuba fil-konfront tal-imputat wahdu, u cioe` dawk li jirrigwardaw l-oggetti tad-deheb u *pawning tickets* li nstabu fir-residenza tieghu.

Ikkunsidrat-

Illi fuq skorta tad-decizjoni moghtiha mill-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**,[3] l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat li nghatat minghajr id-dritt li jkun assistit mill-legali tieghu, ma ghandiex aktar valur probatorju.

Illi gie spjegat minn **Anthony Imbroll**, id-Direttur tal-*Capital Transfer Department* li taht it-treggija tieghu jaqa' il-Monte di Pieta`, kif isir ir-rahan tad-deheb, fidda u hagar prezzjuz fil-Monte` di Pieta`. Semma wkoll kif wara investigazzjoni nterna nstab li deheb li suppost kien fil-*vaults* ghax kien inghata b'rahan lil Monte di Pieta`, ma kienx instab ***"…ahna meta jigi biex jiehu d-deheb he surrenders t-ticket. Issa meta rajna l-kotba fejn jitpoggew dawn it-tickets, sibna li ma kienux qeghdin hemmhekk …. suppost id-deheb kien qieghed hemm gew u ma sibtux…"*** u lanqas ma kien hemm il-*pawning ticket* relattiv.[4]

Illi **Louis Sant'Angelo**, Konslu Anzjan risponsabbli mill-Monte di Pieta`, ikkonferma rapport datat il-11 t'Ottubru, 2001, li kien sar wara investigazzjoni nterna.[5] Ix-xhud hu kategoriku meta mistoqsi jekk kienx hu li ghamel ir-rapport *"Iva jien u tnejn ohra"*.[6] Dan ir-rapport l-ewwel jaghti spjegazzjoni dwar kif jigi moghti b'rahan oggett lil Monte di Pieta`: *"…the pawner initially approaches the Monte appraiser who takes over the precious metals/stones, appraises it and authorises the cashier to issue a pawning ticket together with the calculated capital advance. <u>A counterfoil copy of the pawning ticket is kept at the Monte</u>. Any bearer of the original pawning ticket can thereafter **redeem the security held at the Monte by surrendering the ticket** to the cashier and effecting payment of capital and interest. The cashier then returns the redeemed pawn ticket to the Monte who proceeds to*

---

[3] Per S.T.O. Prim Imhallef Joseph Azzopardi, Onor. Imhallef Noel Cuschieri u Onor Imhallef Giannino Caruana Demajo; Rikors numru: 104/2016/1 JZM; Deciza 14.12.2018

[4] Fol.126-127

[5] Fol.156

[6] Fol.160

*return the precious metal security to the redeemer and* ***affix the redeemed pawn ticket on top of the counterfoil copy.****"*[7]

Ghall-finijiet tal-akkuzi migjuba huwa l-bran li jsegwi li jassumi importanza: *"In view of this system, an examination of the counterfoil booklet will reveal which pawns have been redeemed and which have not, as* ***the pawn copies without a super-imposed original on top must be unredeemed*** *whilst those copies accompanied by the original affixed on top must be redeemed."*[8] Sant'Angelo jispejga dak li jsehh meta persuna tigi biex tirtira d-deheb *"Suppost jipprezenta l-pawning ticket ….tmur ghand il-kaxxier, thallas l-ammont li ghandhek thallas, it-ticket jghaddi ghand il-Monte di Pieta`, jarawh li huwa ffirmat mill-kaxxier illi thallas, u d-deheb jingieb minn gol-istrong room u jinghata lill-persuna…."*[9]

Illi ghalkemm ma tqajjmet l-ebda kwistjoni dwar l-awtenticita` tad-dokumentazzjoni esebita, u cioe` tar-rapporti[10] u tal-listi formanti parti minnhom[11], in vista tal-fatt li dawn gew esebiti minn Louis Sant'Angelo fil-kors tax-xhieda tieghu taht gurament, u tenut kont li dan ix-xhud kien qed jixhed fil-kwalita tieghu bhala l-kap tad-dipartiment kkoncernat u bhala persuna li rredigiet ir-rapporti nfushom, ir-rekwiziti tal-Artikolu 636 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta kif rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-520(1)(e) tal-Kodici Kriminali, ġew sodisfatti u għalhekk dik id-dokumentazzjoni ġiet debitament awtentika.

Riprodott Sant'Angelo jispjega f'dettal l-informazzjoni kontenuta fil-lista intestata *'Document E'*[12] formanti parti mill-ewwel rapport li sar minnu. Ix-xhud mbghad ipprezenta w ikkonferma rapport iehor maghmul minnu[13] datat is-26 t'Ottubru, 2006 fejn jinghad: *"Doc "E1"consisting of a*

---

[7] Rapport mmarkat **Dok. JM** esebit a fol.39 – (fl-atti tal-process jinstab f'envelope fl-ahhar tal-Volum I.

[8] Fol.133. Original fir-rapport a fol. 41. Sant'Angelo jerag jispjega dan meta jixhed viva voce a fol. 157: *"ghandna t-ticket books li meta bniedem igib id-deheb inth il-polza u dan ghand counter [foil]…il-pawning ticket igifieri….jkollna kopja vojta min naha taghna ghax counterfoil taqta' wahda u ttihielu u jibqa' wahda vojta. Issa dak sakemm ikunu mikxufa jigifieri l-oggett ghadu ….mirghan…".*

[9] Fol.175

[10] **DoK. JM** a fol. 39 u **Dok. SA** a fol 176

[11] **Document E** a fol.45 u **Dok. E1** a fol. 178 et seq.

[12] Fol.45

[13] **Dok. SA** a fol. 176-177. Konferma tieghu u tal-lista **E1** issir mix-xhud a fol. 169

*list of unredeemed pawns with precious articles missing as on 25th May, 2001. This document conveys the same information as Doc."E" in the original report but also includes the names of the appraiser who originally received the untraced pawns into the custody of the Monte. Included…are also copies of the relative counterfoil impressions of the pawn tckets issued to the pawner when the pawns were deposited. The counterfoil copies show the signature of the appraiser concerned thereby identifying the appraiser."*[14]

Illi rrizulta li ghajr ghall-okkazzjoni wahda l-ufficjal li rcieva l-oggetti b'rahan kien <u>l-imputat</u>.[15] Illi l-Qorti tinnota li f'dik l-okkazzjoni l-isem tal-*pawner* fuq it-ticket bin-numru 905933 hu dak ta' *"Rose Mifsud <u>w/o Joseph"</u>* izda fil-kumplament l-isem indikat fuq it-tickets hu ta *"Rose Mifsud <u>w/o Gino".</u>*

Illi fir-rapport maghmul minnu, **Dok. JM**,[16] tinsab annessa lista – *Document E*[17] - ta' <u>deheb li nstab nieqes mill-*vault* tal-Monte di Pieta`u li lanqas ma nstabu il-*pawning tickets*</u> relattivi. Fil-listi esebiti, **E u E1,** jirrizultaw *inter alia* **11 il-*unredeemed tickets* li jirrigwardaw oggetti ta' valur li gew *pledged* minn certu Rose Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` numru 635642M.** Din il-lista terga' tigi kkonfermata mix-xhud Sant'Angelo[18] li fix-xhieda tieghu jispjega ***"…kien hemm xi oggetti li ma nstabux ukoll li suppost qeghdin hemm***[19]*…. Fir-rahan, meta jigi d-deheb hux xi hadd irid jiffirma li rcevih….dik qeghda fir-rapport, fit-tieni rapport, <u>sibna ezattament kull haga nieqsa min irceviha…..[l-ufficjal risponsabbli]….principarjament kien Mr. Joseph Mifsud</u>".*[20]

Illi gew esebiti ukoll kopja tal-*counterfoil* tal-*pawning tickets*[21] mizmuma l-Monte di Pieta` li jikkorispondu ghall-oggetti li ma nstabux fil-*vault* u li jissemmew fil-listi msemmija. Jirrizulta kkonfermat li fost ismijiet ta' *pawners* elenkati f'dawk il-listi jidher indikat l-isem ta' certu **Rose Mifsud, detentrici tal-karta tal-identita` numru 635642M, b'indirizz residenzjali 80/8 Merchant's Street, Valletta**.[22] Jirrizulta li f'hames

[14] Fol.176.
[15] Fol.170; Vide lista **E1** a fol.194-195 formanti parti mir-rapport **Dok SA.**
[16] **Dok. JM** esebit a fol.39. lista **Dok.E** a fol.45
[17] Fol.45
[18] Fol.168
[19] Fol.157
[20] Fol.161-162
[21] **DOK.E1** a fol. 178-195. Lista a fol.194-195; ricevuti a fol.178-193
[22] Fol.183-191

okkazzjonijiet nghatat advance ta' LM250, darba LM200, u fit-3 okkazzjonijiet ohra LM80, LM120 u LM130.

Illi l-**Ispettur Carmelo Bartolo** jispjega kif l-investigazzjoni tieghu taf il-bidu taghha fit-28 ta' Mejju, 2001, meta gie mgharraf mis-superjuri tieghu dwar l-agir kriminuz suspettat li kien qed issehh fil-Monte di Pieta`.[23] Mill-istqarrija esebita jirrizulta li fid-29 ta' Mejju, 2001, saret tfittxija fir-residenza tal-imputat fejn instabu numru ta' *pawning tickets* rigward deheb li nstab ukoll fir-residenza tieghu. Dan id-deheb flimkien mal-*pawning tickets* relattivi gew esebiti bhala **Dok. CB**.[24] Jixhed *"kien filfatt irrizulta li gibed xi flus **fuq id-deheb tieghu personali** u flok id-deheb hallih hemm, inqeda ha nighid hekk bil-funzjoni tieghu peress li kien l-uniku hemmhekk f'dak l-ufficju, rega` hareg id-deheb minn hemm gew u rega' hadu lejn id-dar, minghajr ovvjament ma radd dawn il-flus. <u>Jien dan id-deheb elevajtu, elevajtu flimkien mal-pawning tickets</u> u filfatt irrizulta li kien ha fuq dan id-deheb li suppost kien qieghed fil-Monte di Pieta` imma filfatt kien qieghed ghandu, kien ha madwar LM6,000…. permezz tat-tickets irtira l-flus mill-ufficju."*.[25]

In kontro-ezami l-Ispettur Bartolo ikompli jespandi fuq is-sejba ta' deheb li suppost kien mizmum il-Monte di Piieta` izda nstab fir-residenza tal-imputat: *"Ma rridux ninsew l-ammont ta' deheb li ghandha esebit li kien gie elevat minghand is-Sur Mifsud mir-residenza tieghu, deheb li suppost kien go l-Monte di Pieta` mentri fil-fatt <u>kien ghand il-mara tieghu</u>. Jigifieri deheb li kien hemm advance[s] li nhargu l-flus mill-Mone di Pieta` fuqu, suppost allura ghal dawk il-flus insib id-deheb gol-Mone di Pieta` meta fil-fatt id-deheb li gie elevat u prezentat kien ghand is-Sur Mifsud[26] ……ir-raguni li gew elevati bazikament kienet illi sibna dan id-deheb u sibna dawn il-pawning tickets. Peress illi l-pawning ticket allura kien jikkorispondi ma dak id-deheb, id-deheb suppost kelli nsibu gol-Monte di Pieta` u mhux go d-dar tieghu[27]…d-deheb tas-Sur Mifsud ma kienx gol-Monte di Pieta` kif allura kellu jkun skond il-pawning ticket….li kellu d-deheb id-dar u l-pawning ticket ghandu rrizulta waqt it-tfittxija li ghalina go dar. Ahna kellna suspett meta sibna kwantita` ta' deheb u sibna l-pawning tikets ukoll… l-pawning tickets kienu tieghu…."*.[28]

---

[23] Fol.11
[24] Fol.12-13
[25] Fol.13
[26] Fol.802-803
[27] Fol.806
[28] Fol.807-808

Illi l-Qorti ezaminat il-11 il-*pawning ticket* esebiti mill-ufficjal prosekutur **Dok.CB.** In-numri taghhom jikkorispondu ma dak elenkat fil-listi Document E u Dok. E1 kif ukoll mal-counterfoils taghhom.[29] Dawn it-tickets jindikaw bhala l-*pawner* mhux lill-imputat izda lil **Rose Mifsud, detentrici tal-karta tal-identita` numru 635642M.**

Illi l-Qorti wara li qiset il-provi migjuba ser taghmel numru t'osservazzjonijiet:

(i) Illi **Dok.CB**, li nghata exhibit no. **KB/213/2006,** kien deskritt semplicement bhala *"Kaxxa ssiggilata kontenenti oggetti tad-deheb";*

(ii) Illi minbarra l-oggetti tad-deheb u fidda u hagar prezzjuz **KB/213/2006** jinkludi wkoll 11 il-*pawning ticket* mahruga fuq Rose Mifsud;

(iii) Illi hemm mankanza assoluta li tiddetermina liema huma l-oggetti ta' valur – mid-deheb u oggetti ohra esebiti - li dwarhom inhargu l-11 il-*pawning ticket*. La sar elenku u wisq anqas ma saret valutazzjoni minn esperti fil-qasam tal-oggetti esebiti li b'xi mod tista twassal lill-qorti tiddetermina ghal liema deheb/oggett ta' valur qed jirreferu l-*pawning tickets;*

(iv) Ma giet esebita l-ebda ricevuta jew *seizure note* dwar dawn l-oggetti;

(v) Illi l-*pawning tickets* ma jsemmux *handbag* b'portmoni tal-fidda ghalkemm fl-esesbit KB/213/2006, hemm esebit *handbag* kif ukoll portmoni tal-fidda. Dan jindika li **gew elevati aktar oggetti minn dak li jirreferu ghalih il-*pawning tickets***. Fil-fatt l-abbli ufficjal prosekutur jixhed li l-valur tad-deheb elevat kien ta' madwar LM6,000[30] izda l-flus mahruga fuq il-*pawning tickets* kien biss ta' LM2,150;

(vi) Illi fl-ahhar nett jirrizulta li l-*pawning tickets* **mhux mahruga f'isem l-imputat izda fuq Rose Mifsud**.

Illi minkejja li l-isem ta' Rose Mifsud, detentrici tal-karta tal-identita` numru 635642M gie indikat bhala l-*pawner* fuq xejn inqas minn 11 il-

[29] Fol.183-191

[30] Fol.13

*pawning ticket,* li nstabu fir-residenza tal-imputat, ma sar l-ebda sforz sabiex din il-persuna tigi identifikata.

Tali identifikazzjoni setghet takkwista rilevanza in vista li l-ufficjal prosekutur jiddikjara li l-oggetti w id-deheb li nstabu ghand l-imputat "*fil-fatt kien ghand il-mara tieghu. Jigifieri deheb li kien hemm advance[s] li nhargu l-flus mill-Monte di Pieta` fuqu, suppost allura ghal dawk il-flus insib id-deheb gol-Monte di Pieta` meta fil-fatt id-deheb li gie elevat u prezentat kien ghand is-Sur Mifsud".*[31] Kif intqal bhala *advances* in kwantu ghall-11 it-ticket esebit jirrizulta biss l-ammont ta' LM2,150 u mhux LM6,000. Ghalhekk tqum il-mistoqsija: il-kumplament tad-deheb, li fuqu ma jirrizultax li nhargu *cash advances* mill-Monte di Pieta`, lil min jappartjeni?

Ma giex pruvat lanqas remotament li din Rose Mifsud hi tassew mart l-imputat. Jigi sottolinejat li fuq il-*counterfoils* tal-*pawning tickets* mahruga fuq isem din il-persuna hemm indikat indirizz partikolari wkoll, 80/8 Merchant's Street, Valletta.[32] Baqghet ma ngabet ebda prova li tallaccja lill-imputat ma din il-persuna jew l-indirizz imsemmi, aktar u aktar meta jigi kkunsidrat li l-indirizz tal-imputat hekk kif indikat fl-akkuzi odjerni huwa dak ta' 15, Flat 3, Pjazza Sant' Anna, Floriana**.**

Ghalhekk il-fatt wahdu li fir-residenza tal-imputat nstab ghadd ta' deheb, flimkien ma numru ta' *pawning tickets* mahruga fuq terza persuna, meta dak id-deheb ma gie determinat bl-ebda mod li jikkorispondi ghal xi wiehed jew aktar mill-*pawning tickets* misjuba, u meta ma giex pruvat li Rose Mifsud hi mart l-imputat jew x'konnessjoni kellu maghha l-imputat, ma jista' qatt iwassal ghal sejbien ta' htija tieghu.

Illi mhemmx dubbju li l-abbli prosekuzzjoni, kif kienet wara kollox intitolata u korrettissima hekk tipproċedi fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija u tmexxew dawn il-proceduri - zmien meta l-istqarrija tal-imputat mehuda minghajr ma kien ikkonsulta ma avukat u fejn id-dritt ghall-presenza ta' avukat waqt l-interrogatorju kien ghadu l-boghod milli jinzera fid-dritt procedurali penali taghna – ghazlet li ma ttawallx il-

[31] Fol.802-803
[32] Fol.183-191

proceduri inutilment u bil-provi tat-tfittxija fir-residenza tal-imputat f'idha, strahhet fuq il-valur probatorju qawwi li l-ammissjoni tal-imputat fil-kors tal-interrogatorju, kienet igorr dak iz-zmien. Mal-mument li giet skartata l-istqarrija tal-imputat, il-kaz tal-prosekuzzjoni gie pregudikat rreparibilment.

Fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi processwali, il-Qorti mhux qed issib lill-imputat hati u konsegwentement tilliberah minn kwalunkwe htija u piena.

In vista li jidher li gie elevat hafna aktar deheb minn dak li fuqu saru *cash advancements* mill-Monte di Pieta`, il-Qorti giet prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 23(3) tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti tordna lil Konslu sabiex fi zmien xahar millum jaccerta ruhu definittivament jekk id-deheb u oggetti l-ohra prezzjuzi kollha li dwarhom nhargu l-*pawning tickets* lil Carmen Balzia u Margaret Borg, ghadhux mizmum il-Monte di Pieta` u jekk fl-affermattiv, in vista tax-xhieda mismugha, dan id-deheb għandux jigi stmat mill-gdid skond kemm kien jiswa' fiz-zmien meta gie mirhun sabiex l-imsemmija Balzia u Borg jew eredi taghhom, jinghataw l-opprtunita` li jifdu l-isess oggetti.

Tordna notifika lill-**Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera).**[33]

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**

[33] Hekk kif definit fl-Artikolu 2 tal-Att dwar il-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda (Arġentiera), Kapitolu 46 tal-Ligijiet ta' Malta.